# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 25

12 ta' April, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li ssir din il-laqgħa b'mod virtwali permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) minħabba l-pandemija ta' Covid-19, fis-1.48 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Clayton Tewma – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

Aġenda Nru. 25

25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 24 – 9;
25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
25.5 Komunikazzjoni;
25.6 Evalwazzjoni u Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjonijiet 1, 2 u Offerti 3, 4 u 5 - 2021;
25.7 Applikazzjonijiet – Premju Ġieħ Sannat u Rikonxximent Żagħżugħ/a tas-sena 2021;
25.8 Jum Sannat 2021;
25.9 Attivitajiet 2021;
25.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
25.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 4/2021;
25.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku qal li llum erġajna mhux qed niltaqgħu fiżikament minħabba r-raġunijiet li kullħadd jafhom dawk taċ-ċirkostanzi li erġajna għaddejjin minnhom u madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 u għalhekk din il-laqgħa qed issir b'mod virtwali permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dan qed isir peress li l-kamra tal-laqgħat hija ftit żgħira u ma jkunx hemm distanza adegwata għal kull membru u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Tewma informaħ personalment u b' ittra li ma jistax jattendi għal din il-laqgħa minħabba ċirkustanzi li ma għandux kontrol fuqhom. Il-Kunsill laqa' din l-apoloġija.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 24 – 9

25.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 24 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-monument tal-gwerra saret laqgħa ma' l-[redacted], fejn hu spjega l-mod ta' x'kienet l-idea tiegħu, għamel sketch u għandu jgħaddilna l-isketch flimkien ma' abboz. L-Artist qal li għandu jitkellem ma persuna li hi ntiża f'dan is-suġġett biex b'hekk ikun jista' jgħaddilna d-disinn flimkien ma l-abboz biex dan ikun jista jiġi diskuss mall-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

25.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 7 ta' April 2021, fl-10.00 a.m. saret il-laqgħa mall-Ministru l-Onor. Miriam Dalli b'mod virtwali dwar l-istat ħażin ta' kif saret u tħalliet Triq Palazz Palina mill-W.S.C. fejn dawn kienu għaddew diversi servizzi mill-ġibjun il-ġdid għal ġibjun il-qadim f'Ta' Ċenċ stess. Hu qal li spjega li meta saru il-proġetti nfrasstrutturali ta' Triq Ta' Ċenċ u Triq Skerla, l-W.S.C. għaddew il-katusi kollha pero għad fadal Triq Palazz Palina f'din iż-żona. L-iskop ta' din il-laqgħa kienet biex l-istat tat-triq isir aħjar u tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak, apparti dan ir-residenti ta' din it-triq ma' għandhomx pressa tal-ilma fi djar tagħhom u kif wieħed jista jara hemm ukoll pajpijiet tal-ilma għaddejin f'wiċċ it-triq. Dwar dan il-Kunsill jirċievi diversi ilmenti. Is-Sindku qal li qasam dawn il-ħsibijiet tar-residenti mall-Ministru li ħadet nota tagħhom u li għandhom ikelmuna lura dwar dan il-proġett. Hu qal li hu ddeskriva li dan mhux proġett kbir iżda li huwa ta' importanza kbira u li minn naħa tagħhom għandhom jgħatu risposta ta x'inhu l-eżotu ta dan il-proġett eventwalment.

25.3.3 Is-Sindku qal lill-Kunsill li kif kien qal fil-laqgħa preċedenti biex jibdlu cctv cameras mill-Kumpanija GreenPak għal dawk solar u li dawn se jkunu monitored 24/7 mill-LESA se jkollhom jiġu nstallati żewġ arbli apposta biex dawn il-cameras jiġu nstallati magħhom. Dan peress li meta il-Kunsill talab lil EneMalta biex il-camera ta' Triq Durell tiġi nstallata ma' arblu li diġa hemm, l-EneMalta qalet li biex ikun jista jsir dan il-Kunsill se jkun mitlub li jħallas kera fis-sena,

għalhekk tqabbad kuntrattur biex ikun jista jsir dan ix-xogħol u jinxtraw żewġ arbli apposta. Il-Kunsill qabel ma dan.

25.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-vetting tal-offerta ta-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita dan sar mid-DLG. Issa qedgħa għal vetting għand il-Ministeru għal Għawdex peress li l-fondi għal dan il-proġett qed jiġu ffinanzjati minn dan il-Ministeru. Hu qal li appena li jkollna risposta mill-Ministeru għal Għawdex dan id-dokument tal-offerta jiġi ppublikat fis-suq.

25.3.5 Is-Sindku qal li dwar il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ taħt M 4.4 mill-ewwel sejħa l-Kunsill għadu qed jistenna l-kont finali mingħand il-Kuntrattur, u li dan intalab kemm il-darba mis-Segretarju. Meta jirċievi dan il-kont il-Kunsill jkun jista jitlob iċ-ċertifikazzjoni ta' perit biex jibda l-proċess għal ħlas tiegħu u dak il-kont tal-pubblikazzjoni.

25.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it- Tnejn 19 ta' April 2021 fil-11.00 a.m ser issir laqgħa ta' kull xahar mas-Superitendent tal-Pulizija fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jara jekk hux ser isir użu aktar mill-għassa u prattikalment fuq l-iskart. Hu staqsa lill-Kunsillieri jekk hemmx xi issues li jridu jiġu diskussi miegħu. Il-Viċi Sindku qalet li għandu jsir xi ħaġa dwar t-traffic management fil-lokalita'. Is-Sindku qal li dan irid isir ma' Transport Malta.

25.3.7 Is-Sindku qal lill-Kunsill li meta kienet magħluqa Triq Sannat minħabba x-xogħolijiet nfrassrutturali, l-Kunsill kien talab lil Transport Malta biex fi Triq il-Kbira jsiru double yellow lines temporanji u li dawn issa jistgħu jitneħħew għal istat oriġinali tagħha. Il-Kunsill qabel ma dan.

25.3.8 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv infurmaħ li l-permess mall-Awtorita' tal-Ippjanar għar-restawr tal-pompa tal-ilma fil-wied ta' Mġarr ix-Xini ġie estiż sa 8 ta' Novembru 2025.

## 25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

25.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi mistoqsijiet. Il-Kunsillieri wieġbu li le.

## 25.5 Komunikazzjoni

25.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li din ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri. Din taqra:
Ċirkulari Numru SPI/SCI/4/2021 – Korsijiet Lifelong Learning 2021/2022 Offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja

25.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
23 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/028 – Understanding Dementia Mentor Aid Session 14/04/2021
24 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/029 – Ħlasijiet Pendenti – Borża Organika
26 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/030 – Planning Authority EAPPS
30 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/031 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 43
30 ta' Marzu 2021 – Cir AKL 2021/032 – AKL Webinar – Infrastructure – The future of our localities 15/04/2021

25.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
05 ta’ April 2021 – Re ESTENSJONI – Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021
06 ta’ April 2021 – Re Training opportunity: Introducing the European Solidarity Corps
06 ta’ April 2021 – Re Laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Onor. Dr Aaron Farrugia nhar it-Tlieta, 13 ta’ April, 2021 fil-11.15a.m. ġewwa l-Grand Hotel

25.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
24 ta’ Marzu 2021 – PA/05824/20 – GTD – To construct 6 stables – Mr Tony Cauchi, Site at, Triq Mgarr ix-Xini, Sannat
24 ta’ Marzu 2021 – PA/06952/20 – GTD – Alterations to existing dwelling, additional 1st floor and washroom and additional 2 storey residential unit with basement, washroom and pool and remedials to existing rubble wall forming the adjoining garden of property. – Ms Mary Katerine Zammit, 43/44, Triq Ta’ Ċenċ c/w new street off, Triq Ta’ Ċenċ, Sannat
24 ta’ Marzu 2021 – PA/01873/21 – Proposed garage for private cars at ground floor and extension of exisiting flat approved in PA/6123/97 at first floor level and one flat at first floor level, two flats at second floor and two flats at third floor levels. – Ms Frances Mizzi, Karistu Court, Triq Xabbata, Sannat
24 ta’ Marzu 2021 – PA/01886/21 – Proposed alterations to broiler unit approved in PA0143/20, consisiting of changes to door openings and hard and soft landscaping. – Mr John Cauchi, Broiler House, Triq Tal-Lewz, Sannat

25.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill biex tibda tingħata kapparra fuq it-tabelli tan-no parking meta jingħataw lill-Kuntratturi għal użu tal-permessi ta’ makkinarju fit-toroq dan biex il-kuntrattur ikun responsabli minn dawn it-tabelli. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 25.6 Evalwazzjoni u Aġġudikazzjoni ta’ Kwotazzjonijiet 1, 2 u Offerti 3, 4 u 5 - 2021

25.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill bir-rapporti għal kwotazzjonijiet 1, 2 u offerti 3, 4, 5 ta’ dawk li ġew evalwati w aġġudikati mill-bord kompost apposta. Il-Kunsill tefa s-sound għal pubbliku biex dawn setgħu jiġu diskussi peress li uħud minnhom ma kienux konklużi minn naħa tal-bord tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni. Dawn kienu:

Kwotazzjoni Nru.: SNTLC 01/2021 Provision of Cleaning Service at Ta’ Sannat Local Council
Għal din il-kwotazzjoni kien hemm 2 offerenti li l-administrative u t-technical offers kienu compliant pero il-finacial ta’ wieħed kien 71% over budget u l-ieħor ta’ l-offerta għall-ewwel sena biss. Għalhekk il-Kunsill ser ikollu jerġa joħroġ din is-sejħa mill-ġdid.

Kwotazzjoni Nru.: SNTLC 02/2021 Cleaning, Maintenance and Opening and Closing of Public Conveniences in the Locality of Ta’ Sannat in an Environmentally Friendly Manner
Lot 1 – Triq Sannat
Għal din il-kwotazzjoni kien hemm 3 offerenti li l-administrative u t-technical offers kienu compliant pero il-finacial ta’ wieħed biss kien compliant, ta’ ieħor kien 76% over budget u tal-ieħor kien ta’ 250% over budget. Għalhekk il-Kunsill għandu jikkunsidra din l-offerta. Il-Kunsill qabel ma din l-offerta.

Lot 2 – Tal-Bidwi Park
Għal din il-kwotazzjoni kien hemm 3 offerenti li l-administrative u t-technical offers kienu compliant pero il-finacial ta' wieħed kien battal, ta' ieħor 58% over budget u tal-ieħor kien ta' 250% over budget. Għalhekk il-Kunsill ser ikollu jerġa joħroġ din is-sejħa mill-ġdid.

Tender Nr.: SNTLC 03/2021 Service of an architect
Għal din l-offerta kien hemm offerent wieħed u li d-dokument kien kollu complaint.
Il-Kunsill għandu jinforma b'dan lill-Perit.

Tender Nr.: SNTLC 04/2021 Supply and installation of traffic signs to Ta' Sannat Local Council on a period contract basis.
Għal din l-offerta kien hemm offerent wieħed u li d-dokument kien kollu complaint.
Il-Kunsill għandu jinforma b'dan lil dan il-Kuntrattur.

Tender Nr.: SNTLC 05/2021 General road asphalting works in Ta' Sannat
Il-bord għadu qed jevalwa din l-offerta.

## 25.7 Applikazzjonijiet – Premju Ġieħ Sannat u Rikonxximent Żagħżugħ/a tas-sena 2021

25.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-uffiċċju ma rċieva l-ebda nomina għall-Premju Ġieħ Sannat u Rikonoxximent Żagħżugħ/a tas-sena 2021, hu qal li l-avviżi għal dawn l-applikazzjonijiet tqassmu f'kull dar residenzjali fit-tieni ġimgħa ta' Marzu 2021. Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri ddiskutew dawn il-premijiet u waslu għal konkluzjoni biex id-deċizzjoni għal dawn il-premijiet jingħataw minnhom. Huma ddeċidew li r-Rikonoxximent Żagħżugħ/a tas-sena jingħata lil u lil [redacted] rebbieħa fl-edizzjoni ta' the Youth 4 Entrepreneurship Gozo Award għal idea nnovativa tagħhom. Dwar il-Premju Ġieħ Sannat dan għandu jingħata lil [redacted]

25.7.2 Fis-2.33 p.m. il-Kunsill reġa fetaħ il-laqgħa għas-smiegħ tal-pubbliku minħabba d-data protection act.

## 25.8 Jum Sannat 2021

24.8.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li peress li l-pandemija tal-Covid-19 għadha għaddejja, il-Kunsill għandu jimxi mall-istruzzjonijiet li qed jingħataw minn żmien għal ieħor mill-Awtoritajiet tas-Saħħa u għal sena oħra ċ-ċelebrazzjonijiet li kienu jsiru b'konnessjoni ma' Jum Sannat din is-sena mhux se jsiru u għandhom jiġu posposti għal Jum Sannat is-sena d-dieħla jekk kollox imur sew.

## 25.9 Attivitajiet 2021

25.9.1 Is-Sindku qal li huwa xorta jemmen li l-Kunsill għandu jippjana u japplika għal fondi għal attivitjiet matul is-sena. Huwa qal li diġa qed jipprepara xi ħaġa dwar l-attivitajiet fil-ġimgħa ta' Lulju marbuta mall-festa, il-Wine Festival, Notte Scarlata, Car Show b'risq Puttinu Cares,

## 25.10 Ilmenti u Suġġerimenti

25.10.1 B’ referenza għall-ilment numru 10/2021 resident qed jgħid li qed jsir overspeeding fil-junction fi Triq Sannat speċjalment mill-Munxar u x-Xewkija. Dan qed jissuġġerixxi li jsiru sleeping police humps biex titnaqqas il-veloċita. Is-Sindku qal li fil-verita’ qed jiġri dan għaliex is-sewwieq mhux qed josserva t-tabelli li hemm installati. Hu qal li tkellem ma’ uffiċjali ta’ Transport Malta fejn dawn għanhom jiġu fuq il-post biex jaraw l-andament ta’ x’qed isir.

25.10.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqogħod fi Triq Dun Luqa rigward informazzjoni fuq kostruzzjoni li kienet ser ssir qrib ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill informah li jkun aħjar jekk jikkuntattja lill-Awtorita’ tal-Ippjanar.

25.10.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li qed jitlob biex issir bankina ġdida quddiem id-dar tiegħu fi Triq Ta’ Ċenċ. Il-Kunsill qabel li ssir talba permezz tas-sistema tal-MGOZ.

25.10.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħaxix ħażin li hemm fi Triq ta’ Mġarr ix-Xini u manutenzjoni li għandha bżonn din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-CWSEF assenjati magħna għadhom qed jgħamlu dan ix-xogħol tal-qtugħ tal-ħaxix f’din it-triq u li hi triq twila.

25.10.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* fejn ġie rrapurtat li parti mill-passaġġ li hemm fil-bajja ta’ Mġarr ix-Xini ġie imkisser. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ġie rrappurtat bis sistema ta’ MGOZ.

25.10.6 Il-Kunsill irieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħaxix ħażin li hemm fi Triq tal-Gruwa. Is- Segretarju Eżekuttiv qal li dan ix-xogħol qed isir mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

25.10.7 B’ referenza għall-ilment numru 11/2021, resident ilmenta li r-roundabout ta’ Triq Sannat ġiet żgħira u perikoluża. Huwa qal li ilmenta ukoll mal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qal li dan l-ilment diġa ddiskutieħ permezz ta’ ilment numru 10/2021.

25.10.8 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqogħod fi Triq Skerla fejn qed tilmenta rigward skart li qed jitħalla barra fil-ġranet meta ma jkunx hemm ġbir ta’ skart.

25.10.9 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna rigward żvilupp ta’ bini bl-adoċċ li qed jsir fil-gżira ta’ Għawdex. Huwa talab biex ningħaqdu flimkien u nissapportjaw aktar lil xulxin, biex finalment flimkien inkunu nistgħu niġġieldu dan l-żvilupp u nwaqqfu dak li ma jagħmilx sens għal Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan, ir-Reġjun Għawdex kien kiteb lill-Awtoritajiet konċernati u għamel diversi laqgħat magħhom.

25.10.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna fejn staqsiet jekk hux permess li klieb jitħallew mingħajr ċinga fl-area Ta’ Ċenċ. Il-Kunsill wieġeb lil din il-persuna li klieb mhumiex permessi li jkunu mingħajr ċinġa u nformah ukoll li Ta’ Ċenċ hija art privata u filkas għandu jikkontatja lil puliżija.

25.10.11 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li qed titlob li ssir bankina mar-residenza tagħha fi Triq Ta’ Ċenċ kantuniera ma’ Triq Skerla. Is-Sindku qal li għal din it-talba trid tintbgħat imejl lil Transport Malta.

25.10.12 B'referenza għall-ilment Nr 12/2021 resident li joqgħod fi Triq Dun Xand Aquilina qed jitlob li ssir għatba ġol-bankina quddiem ir-residenza tiegħu, dan għaliex il-bankina preżentament hi ftit għolja u qed isib diffikulta biex jidħol fir-residenza tiegħu. Il-Kunsill għandu jara x' jista jsir u nitkellmu mall-Perit dwar dan l-ilment.

## 25.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 4/2021

25.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 4/2021 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagament għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Joseph Bajada u ssekondata mill-Kunsillier Steve Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 25.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

25.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju 2021, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 24 ta' Mejju, 2021

| | |
|---|---|
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |